Nru./No. 20,350
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 20 ta' Frar, 2020
Thursday, 20th February, 2020

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 1525
Government Notices *1525*

Avviżi tal-Pulizija 1526
Police Notices *1526*

Avviżi tal-Qorti ..... 1526 - 1528
Court Notices ..... *1526 - 1528*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 190

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħamis, l-20 ta' Frar, 2020, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

Id-19 ta' Frar 2020
(OPM/40/2017)

Nru. 191

ATT DWAR IT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR (KAP. 551)

It-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

SKONT l-Artikolu 4 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, il-President ta' Malta ħatar lill-persuni li ġejjin biex iservu fuq it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għal perjodu ta' ħames snin b'seħħ mit-13 ta' Frar, 2020, kif ġej:

Chairperson
Dott. Joseph Borg

Membru
Dott. Abigail Bugeja

L-20 ta' Frar, 2020

Nru. 192

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu 27(1)(a) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika qiegħda tiddikjara l-marda COVID-19 bħala marda li għandha tiġi avżata u qed iżżidha mal-lista ta' mard li għandu jiġi avżat.

L-20 ta' Frar, 2020

GOVERNMENT NOTICES

No. 190

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Thursday, 20th February, 2020, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

19th February, 2020

No. 191

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL ACT (CAP. 551)

The Environment and Planning Review Tribunal

IN terms of Article 4 of the Environment and Planning Review Tribunal Act, the President of Malta has appointed the following persons to serve on the Environment and Planning Review Tribunal for a period of five years with effect from 13th February, 2020, as follows:

Chairperson
Dr Joseph Borg

Member
Dr Abigail Bugeja

20th February, 2020

No. 192

MINISTRY FOR HEALTH

Department for Health Regulation

IN terms of Article 27(a)(i) of the Public Health Act, the Superintendent of Public Health has declared COVID-19 as a notifiable disease and has added it to the list of notifiable diseases.

20th February, 2020

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 28

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Frar, 2020 mis-6.00 a.m. sa nofsinhar minn Triq Santa Marija, Pjazza Ħal Għaxaq, Vjal il-Labour, Triq il-Gudja, Triq il-Gardell, Triq San Filippu, Triq iċ-Ċeppun u Triq Gebelin.

Nhar l-Erbgħa, 26 ta' Frar, 2020 mis-6.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Pjazza Santa Marija, Triq San Ġużepp, Triq Barbazzal, Vjal il-Labour, Dawret Ħal Għaxaq, Triq il-Bizzilla u Triq Santa Marija.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħamis, 19 ta' Marzu, 2020 mill-4.00 a.m. sat-3.00 p.m. minn Triq P.P. Saydon quddiem il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq (bejn 10 u 12 parkeġġi).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-20 ta' Frar, 2020

POLICE NOTICE

No. 28

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Ħal Għaxaq

On Sunday, 23rd February, 2020 from 6.00 a.m. till noon through Triq Santa Marija, Pjazza Ħal Għaxaq, Vjal il-Labour, Triq il-Gudja, Triq il-Gardell, Triq San Filippu, Triq iċ-Ċeppun and Triq Gebelin.

On Wednesday, 26th February, 2020 from 6.00 p.m. till 9.00 p.m. through Pjazza Santa Marija, Triq San Ġużepp, Triq Barbazzal, Vjal il-Labour, Dawret Ħal Għaxaq, Triq il-Bizzilla and Triq Santa Marija.

Żurrieq

On Thursday, 19th March, 2020 from 4.00 a.m. till 3.00 p.m. through Triq P.P. Saydon in front of Żurrieq Local Council (between 10 to 12 parking spaces).

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

20th February, 2020

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

237

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-27 ta' Diċembru, 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, ordnat il-pubblikazzjoni ta' rikors riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u dan fil-konfront ta' Joseph Portelli, karta tal-identità numru 440469M:

Ittra Numru 36/2019

Elizabeth Portelli

vs

Joseph Portelli

Rikors ta' Elizabeth Portelli

Tesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti ġiet notifikata b'rikors fl-atti tal-ittra numru: 31/2016 fejn il-konvenut qiegħed jallega li d-digriet

It is hereby notified that by a decree dated the 27th December, 2019, the Court of Magistrates (Gozo) in its Superior Jurisdiction, Family Section, ordered the publication of the Application reproduced hereunder for the purpose of service in terms of section 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure, and this with regard to Joseph Portelli, identity card number 440469(M):

Letter Number 36/2019

Elizabeth Portelli

vs

Joseph Portelli

Application by Elizabeth Portelli

Respectfully states:

That the applicant has been served with an application in the acts of letter number: 31/2016 where the defendant

li kien ingħata pendente lite relatat mal-manteniment illum skada u dana peress li l-partijiet ġew awtorizzati li jipproċedu bil-kawża peress li dan ma sarx;

Illi l-esponenti għal kull buon fini qiegħda terġa' tippreżenta ittra fl-atti tal-medjazzjoni ġdida u rikors sabiex jerġa' jiġi kkonfermat il-manteniment li għandu jingħata lill-minuri … omissis … fl-ammont ta' €150;

Illi filwaqt li d-digriet imsemmi jagħmel referenza għal żewġt itfal u ċioè … omissis …, illum il-ġurnata … omissis … bdiet taħdem u għalhekk il-manteniment dovut lilha ma għadux dovut għajr għal xhur li għadu ma ħallashomx;

Illi l-intimat ilu ma jgħaddi manteniment lill-esponenti tal-minuri minn Jannar 2019 u issa qiegħed jagħmel l-enneżimu tentattiv billi qiegħed jgħid li d-digriet tal-Qorti tilef kull effett u validità tiegħu;

Illi dan ma huwiex ġust versu l-minuri u għalhekk l-esponenti qiegħda umilment titlob li jkun hemm digriet mill-ġdid mill-Onorabbli Qorti fejn jikkonferma li l-manteniment tal-minuri … omissis … huwa dak ta' €150 u nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni.

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħoġobha tikkonferma mill-ġdid il-manteniment ta' €150 u nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u dan hekk kif kien id-digriet preċedenti u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet u provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 17 ta' Frar, 2020

SILVIO XERRI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

alleges that the order was given pendente lite maintenance-related now has elapsed and this because the parties were authorised to proceed with the lawsuit, and it was not done;

That the applicant for all intents purposes is again filing a letter in the acts of the new mediation and an application to re-confirm the maintenance payable to minor … omissis … in the amount of €150;

That while the decree refers to two children and namely … omissis …, today … omissis … started working and therefore maintenance is no longer due except for some months still not paid yet;

That the respondent has not paid maintenance to the exponent with regard the minors from January 2019 and is now making the umpteen attempt in saying that the order lost all effect and its validity;

That this is not fair towards the minors and therefore the applicant is humbly requesting a decree by this Honourable Court confirming that the maintenance of the minor … omissis … is that of €150 and half of the health and education costs incurred.

Therefore, the applicant respectfully requests this Honourable Court to reconfirm the maintenance of €150 and half of health and education costs incurred., such as was the previous decree and this under the conditions and provisions that this Honourable Court deems fit and appropriate.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 17th February, 2020

SILVIO XERRI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

238

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-14 ta' Novembru, 2019, ġiet ordnata l-publikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Clentec Limited (C 48089) ta' 49/50, Racecourse Street, Il-Marsa MRS 1639, ippreżentaw Talba fit-13 ta' Novembru, 2019, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Time 2 Travel Agency Limited (C 78137) ta' Athena Boutique Hotel, Tigne Place Block 12, Office G 3, Triq Tigne, Tas-Sliema SLM 3173, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €4756.40 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż Nru 358/19SFJ) hija differita għas-26 ta' Frar, 2020, fin-12.30 p.m.

By a decree of the Small Claims Tribunal of 14th November, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Clentec Limited (C 78137) of 49/50, Racecourse Street, Marsa MRS 1639, filed a Claim on the 13th November, 2019, whereby they asked the Tribunal to condemn Time 2 Travel Agency Limited (C 78137) of Athena Boutique Hotel, Tigne Place Block 12, Office G3, Triq Tigne, Tas-Sliema SLM 3173 to pay the plaintiff company the sum of €4756.40 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interest

The case (Claim Number 358/19SFJ) is put off on the 26th February, 2020, at 12.30 p.m.

Registru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' Frar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 17th February, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

239

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Jannar, 2020, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Ivan Vella (KI 537875M) għan-nom tas-soċjetà Vanmar Co. Limited (C 19182) ta' 236, Joemary House, Triq il-Kbira, Il-Mellieħa, ippreżenta talba fl-20 ta' Awwissu, 2019, fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Anthony Grech (KI 522173M) ta' 17, Canadian, Triq Santa Marija, Il-Mellieħa, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €9938.59 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali

Il-kawża (Avviż Nru 180/19CG) hija differita għall-5 ta' Marzu, 2020, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Frar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 27th January, 2020, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Ivan Vella (ID 537875M) for and on behalf of Vanmar Co. Limited (C 19182) of 236, Joemary House, Triq il-Kbira, Mellieħa, filed a Claim on the 20th August, 2019, whereby they asked the Court to condemn Anthony Grech (ID 522173M) of 17, Canadian, Triq Santa Marija, Mellieħa, to pay the plaintiff company the sum of €9938.59 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Notice Number 180/19CG) is put off to the 5th March, 2020, at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 14th February, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

240

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Novembru, 2019, ġiet ordnata l-publikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

No Deposit Cars Malta Limited (C 85780) ta' Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, ippreżentaw talba fil-11 ta' Ottubru, 2019, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Liviu Alexandru Maxim (KI 0202123A) ta' 79, Tulip Court, Flat 1, Triq iċ-Ċern, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €11,130.00 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż

Il-kawża (Rikors Nru 226/2019RM) hija differita għall-5 ta' Marzu, 2020, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Frar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 27th November, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

No Deposit Cars Malta Limited (C 85780) of 17, Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, filed a claim on the 11th October, 2019, whereby they asked the Court to condemn Liviu Alexandru Maxim (ID 0202123A) of 79, Tulip Court, Flat 1, Triq iċ-Ċern, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €11,130.00 which amount is due to the plaintiff company.

With costs

The case (Application Number 226/2019RM) is put off to the 5th March, 2020, at 9.15 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 14th February, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603